MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 339/2011

Malta Industrial Parks Limited (C28965)
vs
(1) Agrinet Limited (C14967) u
(2) Primanets Mfg. Limited (C36828)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Malta Industrial Parks li bih esponiet:

1. Illi permezz ta’ skrittura privata tas-sittax (16) ta’ Novembru elfejn u sitta (2006), kopja ta’ liema skrittura giet annessa mar-rikors u immarkata bhala “Dok. A” s-socjetajiet konvenuti fil-waqt li irrikonoxxew li s-socjeta` konvenuta Agrinet Limited hija debitrici versu u a favur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ wiehed u erbghin elf, tliet mija u tnejn u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmu (Lm41,342.41) ekwivalenti ghal sitta u disghin elf tliet mija u euro u wiehed u disghin centezmu (€96,301.91), obbligaw rwiehom li jhallsu s-somma ta’ ghoxrin elf lira

(Lm20,000) ekwivalenti ghal sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu(€46,587.47) mal-iffirmar tal-istess fil-waqt li s-socjeta` konvenuta l-ohra Primanets Mfg. Limited obbligat ruhha li thallas il-bilanc fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u tnejn u erbghin lira u wiehed u erbghin (Lm21,342.41) ekwivalenti ghal disgha u erbghin elf seba' mija u erbatax-il euro u erbgha u erbghin centezmu (€49,714.44) fuq perjodu ta' tliet (3) snin b'rati semestrali;

2. Illi minkejja li din is-somma kellha tithallas fl-intier taghha entro tliet snin u cjoe` sa Novembru 2009, is-socjetajiet konvenuti hallsu biss is-somma ta' Lm20,000 ekwivalenti ghal €46,587.47 u ghalhekk baqghu moruzi fl-ammont ta' Lm21,342.41 ekwivalenti ghal €49,714.44;

3. Illi dan id-debitu hu cert likwidu u dovut u ma jikkostitwix l-ghemil ta' fatt;

4. Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attrici huma ezegwibbli kontra s-socjetajiet konvenuti u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 u dan peress illi sa fejn taf ir-rikorrenti, is-socjetajiet konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jissollevaw f'dina l-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjetajiet konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' €49,714.44 liema somma tirrapprezenta debitu rikonoxxut skond l-iskrittura privata tas-16 ta' Novembru 2006 u peress li s-socjetajiet konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jissollevaw, din il-kawza ghandha tinstema' bil-procedura sommarja specjali.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' €49,714.44;

Bl-ispejjez, inkluz dawk u tal-mandat ta’ sekwestru numru 383/11, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u b’rizerva ghal kull jedd ta’ azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Mejju, 2011 li minnu jirrizulta li l-Qorti awtorizzat li jigu prezentati r-risposti guramentati.

**B. RISPOSTA TA’ PRIMANETS MFG LIMITED:**
Rat ir-risposta ta’ Primanets Mfg Limited li biha esponiet:

1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta` konvenuta mhix l-inkwelin tas-socjeta` attrici, anzi hija Agrinet Limited;

2. Illi s-socjeta` konvenuta mhix garanti tas-socjeta` Agrinet, *stante* li skond l-ittra ta’ l-1 ta’ Novembru, 2006 (Dok A anness mar-rikors guramentat) jidher car li s-socjeta` Primanets Mfg Limited ssottomiet lil Malta Enterprise Corporation Business Plan skond klawsola 3 ta’ l-ittra fuq indikata, izda sal-lum m’hemmx approvazzjoni u b’hekk l-obbligu ta’ klawsola 4 ta’ l-ittra ma skattax ruhha;

3. Illi s-socjeta` konvenuta tkun garanti biss b’att pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ debitu u mhux bl-ittra ta’ l-1 ta’ Novembru 2006;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata minn Primanets Mfg Limited.

**C. RISPOSTA TA’ AGRINET LIMITED:**
Rat ir-risposta ta’ Agrinet Limited li biha esponiet:

1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li skond l-ittra ta' l-1 ta' Novembru 2006 (Dok A anness mar-rikors guramentat) jidher car li l-azzjoni *de quo* huwa intempestiv *stante* li minkejja s-socjeta` Primanets Mtg Limited ssottomiet lil Malta Enterprise Corporation business plan skond klawsola 3 ta' l-ittra hawn fuq indikata, sal-lum m'hemmx approvazzjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata minn Agrinet Limited.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**D. PROVI:**

Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta` Malta Industrial Parks Limited ipprezentat nota "li biha qedgha ccedi t-talbiet fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Primanet Limited".

Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta` Agrinet Limited ipprezentat nota "li biha tammetti t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti".

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tas-socjeta` Agrinet Limited, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12, qed tikkundanna lis-socjeta` Agrinet Limited sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €49,714.44;

Bl-ispejjez, inkluz dawk u tal-mandat ta' sekwestru numru 383/11, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u b'rizerva ghal kull jedd ta' azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra s-socjeta` Agrinet Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------